MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 277/2003

**George Farrugia et**

**Vs**

**Carmel Chetcuti**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fil-5 ta’ Novembru 1997, il-konvenut iffirma sitt (6) kambjali favur l-attur ta’ l-import komplessivi ta’ wiehed u hamsin elf u seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm51,750);

Premess illi l-imsemmija sitt (6) kambjali ikoll immaturaw u l-konvenut hallas kambjala wahda u parti mit-tieni kambjala u ghalhekk fadallu jhallas parti mit-tieni kambjala

u l-erba' kambjali l-ohra (kopja taghhom hawn annessa u mmarkati Dok GF1 sa GF5) li flimkien jammontaw ghall-wiehed u erbghin elf disgha mija u erba' u ghoxrin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm41,924.36);

Premess illi l-konvenut ghandu wkoll ihallas lill-attur l-imghax kummercjali fuq dawn il-hames (5) kambjali, li ghandu jigi kalkolat mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala;

Premess illi sal-lum il-konvenut hallas l-ammont ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000) bhala pagament akkont tat-tieni kambjala u tal-imghax;

Premess illi ghalhekk il-konvenut fadallu ihallas lill-atturi s-somma ta' disgha u erbghin elf erbghatax il-lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm49,014.39) u dana kif jirrizulta mill-anness prospett Dok. GF6 ;

Premess illi dan il-kreditu tal-attur huwa cert, likwidu u dovut kif jirrizulta wkoll mid-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa u mmarkata Dok. GF7

Premess illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti ;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispenza tas-smiegh ai termini tal-Artikolu167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12).

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' disgha u erbghin elf erbghatax il-lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm49,014.39) dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datat 19 ta' Lulju 2001 u tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorja pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax kummercjali ulterjuri mid-29 ta' Jannar 2003 sad-data tal-effettiv pagament .

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat l-affidavit tal-attur George Farrugia u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenut Carmel Chetcuti debitament notifikat fiz-zmien preskritt mil-ligi baqa' kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher;

Semghet lil attur;

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------